GHARGHUR

# KUNSILL LOKALI GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Gharghur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 Fax : 2141 2626 Mobile : 7941 4111**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

***Minuti tat-tmienja u hamsin laqgha tal-Hames Kunsill Lokali li nzammet fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta 14 ta' Lulju 2009 fis-6:00 p.m.***

| ***Prezenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| **Sindku** | Mario Gauci |
| **Vici Sindku** | Mark Azzopardi |
| **Kunsillieri** | Pio Fenech |
| **Agent Segretarju Ezekuttiv** | Fabian Mizzi |

***Il-Kunsillier A. Muscat ma' attendiex peress li kien indispost filwaqt li l-Kunsillier M. Mifsud ma attendiex.***

**1 Talba**

**1.1** Il-laqgha bdiet fis-6.10 p.m. billi intqalet it-talba.

**2 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha Nru 57**

**2.1** Is-Sindku staqsa jekk xi hadd xtaqx jipproponi xi emendi fil-minuti ta' l-ahhar laqgha tal-Kunsill. Peress li ma kienx hemm emendi dawn approvati unanimament u iffirmati.

**3 Punti mtella' mill-minuti**

**3.1** ***Para 3.1 – Urban Improvement Fund :*** Is-Sindku nforma li l-applikazzjoni taghna ser tigi ikkunsidrata mill-MEPA llum. Gie unanimament approvat li fil-kaz li d-decizjoni tkun wahda favorevoli, il-Kunsill jipprepara u johrog is-sejhiet ghall-offerti sabiex jinxtraw il-fanali, l-bankijiet u l-*bins*. Gie unanimament approvat ukoll li s-Sindku u l-Agent S.E. jiffirmaw f'isem il-Kunsill Lokali l-ftehim mal-MEPA dwar l-ghoti ta' fondi mill-*Urban Improvement Fund*.

**3.2** ***Para 3.2 – Torri tas-Semaforu :*** Gie innotat li c-cerimonja ta' l-inawgurazzjoni li saret il-Hadd li ghadda kienet success u l-attendenza tal-pubbliku kienet tajba hafna. Gie unanimament approvat li tintbaghat nota ta' ringrazzjament lil l-Onor Ministru George Pullicino. Gie unanimament deciz ukoll li l-Kunsill ghandu jkompli jsegwi l-pubblikazzjoni ta' *leaflet* b'informazzjoni dwar it-Torri kif ukoll li jsiru diskussjonijiet mal-*Malta Command Group* sabiex jibdew isiru *re-enactments* perjodikament.

**3.3** ***Para 3.3 – Triq Santa Katerina:*** Is-Sindku informa li l-ADT kienet waslet biex tohrog il-permess necessarju sabiex ikun jista jibda x-xoghol. Rigward il-laqgha ma' Bitmac Ltd gie deciz li din issir fil-jiem li gejjin.

**3.4** ***Para 3.4 – Jum il-Gharghur 2009:*** Il-Kunsillier P. Fenech informa li l-Kumitat tal-Festa kien ser jiehu hsieb il-*Bar* waqt is-serata. Rigward il-quddiesa ta' ringrazzjament gie mqassam il-qari bejn il-Kunsillieri filwaqt li l-Vici Sindku nforma li ghas-serata muzikali kollox ghandu jimxi kif ippjanat. Gew riveduti ukoll l-attivitajiet li fadal li jsiru.

**3.5** ***Para 3.5 – Ftuh ta' xelter:*** L-Agent S.E. informa li konna ghadna qed nistennew l-istima tal-bieba tax-xelter. Giet ipprezentata l-kwotazzjoni li konna rcivejna minghand Ganaja ghat-tindif ta' l-istess xelter li kienet ta' € 985. Gie unanimament approvat li din tkun ikkunsidrata aktar il-quddiem meta l-Kunsill ikun kiseb id-devoluzzjoni tax-xelter.

**3.6** ***Para 3.6 – Talba ghad-danni:*** L-Agent S.E. informa li sa issa ir-resident kien ghadu ma ipprezentax ix-xhieda.

**3.7** ***Para 3.7 – Ktieb mixjiet fir-rahal:*** Is-Sindku nforma li l-verzjoni bil-Malti tal-ktieb kienet waslet fi stadju avvanzat. Meta l-verzjoni kollha tal-Malti tkun lesta issir laqgha ohra ma l-awtur u s-Sur Victor Rizzo.

**3.8** ***Para 3.8 – Tindif fi Triq Ghaxqet l-Ghajn / Sqaq il-Hofra :*** Gew ipprezentati z-zewg stimi li konna rcivejna sabiex isir qtugh ta' haxix fl-inhawi li rrizultaw hekk : Saviour Mifsud : € 1,443 u Ganaja € 2,130. Il-Kunsill unanimament hass li dawn il-kwotazzjonijiet kienu gholja wisq u ghalhekk iddecieda li ghalissa x-xoghol jitkompla mill-haddiema *attached* mal-Kunsill sakemm insibu kuntrattur iehor li lest li jaghmel ix-xoghol bi prezz irhas.

**3.9** ***Para 3.10 – Sub-Station Enemalta fi Triq 31 ta' Marzu::*** L-Agent S.E. informa li dan il-kaz kien gie riferut lid-Dipt. ta' l-Artijiet kif approvat.

**3.10** ***Para 7.2 – ATM tal-BOV fil-Pjazza:*** l-Agent S.E. informa li sa issa kien ghadu ma' sarx kuntatt mal-BOV dwar il-kaz mill-Kapillan.

**3.11** ***Para 7.5 – Fanali Dekorattivi :*** Is-Sindku nforma li ghalkemm hu kien kellem lill-kuntrattur prezenti personalment, sa issa dan ghadu ma pprovdiex lil-Kunsill l-istima sabiex isiru x-xoghlijiet ta' manutenzjoni mehtiega. Gie unanimament deciz li jekk din l-istima ma tasalx sa laqgha ohra, l-Kunsill ghandu jfittex kuntrattur iehor.

**3.12** ***Para 7.6 – Management Letter u Audited Accounts*** : Is-Sindku spjega li ghad hemm xi affarijiet li ghadhom ma gewx iccarati bejn l-*Accountant* tal-Kunsill u l-Awditur imma huwa ttamat li sa laqgha ohra l-*Audited Accounts* u l-*Management Letter* ikunu jistghu jigu pprezentati lill-Kunsill.

**3.13** ***Para 7.7 – Skema Accessibilita Ahjar fil-Lokalitajiet*** : Is-Sindku nforma li l-KNPD kienu talbu xi kjarifiki minghand il-Perit Zahra u din kienet bghatet l-informazzjoni mehtiega fil-granet li ghaddew.

## 4 Approvazzjoni ta' Pagamenti Pendenti

**4.1** L-Agent S.E. ipprezenta l-iskeda ta' pagamenti pendenti li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-ufficcju tal-Kunsill sad-data tal-laqgha. Il-Kunsill unanimament approva dawn il-pagamenti kollha. Gie approvat ukoll il-hlas ta' € 117 kull wiehed lil Ludwig Galea u Ritianne Azzopardi rispettivament ghall-partecipazzjoni taghhom fis-serata ta' l-ghoti ta' l-Unur Excelsior.

**4.2** L-Agent S.E. ipprezenta l-iskeda ta' l-infieq li sar mill-*Petty Cash* matul Gunju 2009 u dawn gew approvati unanimament.

**5 Ilmenti u Suggerimenti**

**5.1** Ilment dwar jaxix hazin li hemm bzonn li jinqatgha fi Sqaq il-Qieghed. Gie approvat li dan ix-xoghol isir mill-haddiema *attached* mal-Kunsill.

**5.2** Ilment dwar allegat xoghol bla permess li qed isir fi Triq Kromb il-Bahar. Gie deciz li dan l-ilment ghandu jitressaq ghall-attenzjoni tal-MEPA u nitolbu li ssir *site inspection* mill-ufficcjali tal-MEPA flimkien mal-Kunsill.

**5.3** Talba sabiex tidjieq bankina fi Triq Stiefnu Zerafa kantuniera ma' Triq Naxxar. Gie innotat li meta il-Kunsill kien ser jaghmel dan ix-xoghol, resident li ghandu propjeta' fil-vicin kien allega li l-art tal-bankina kienet tieghu u l-Gvern kien ghandu ma tahx kumpens ghall-parti ta' l-art li giet inkorporata mat-triq. Gie unanimament deciz li fic-cirkustanzi niksbu aktar informazzjoni mill-MEPA u jekk ikun hemm bzonn mid-Dipartiment ta' l-Artijiet.

**5.4** Talba sabiex isir *yellow line* quddiem propjeta fi Triq Naxxar peress li sid il-propjeta qed jallega li mhux qed ikun jista jidhol jew johrog fil-garaxx tieghu. Gie innotat li faccata' ta' dan il-garaxx diga hemm *carriage way markings* u li fuqhom ma jistax isir ipparkjar ta' vetturi. Gie deciz li ninfurmaw b'dan lir-resident u navzawh ukoll li hu ghandu jinforma lill-Pulizija meta jkollu problemi sabiex jidhol u johrog mill-garaxx tieghu.

**5.5** Talba sabiex titranga bankina fi Triq Caravaggio peress li allegatament il-vetturi qed ikollhom problema sabiex jidhlu fil-garaxx. Is-S.E. informa li huwa kien mar fuq il-post u gie nfurmat minn xi residenti li hemm nuqqas ta' qbil bejniethom sabiex isir dan ix-xoghol peress li hemm min qed jallega li jista jidhol l-ilma fil-garaxxijiet jekk il-bankina titbaxxa. Gie innotat ukoll li l-bankina ilha hekk ghal diversi snin u qatt ma konna rcevejna rapporti li kien hemm xi problema. Jidher li jista jinkiseb titjib jekk titranga r-rampa ta' gewwa tal-garaxx. Fic-cirkostanzi l-Kunsill iddecieda li jinforma lil min ghamel it-talba li l-ewwel ghandhom jaraw jekk jistghux ibaxxu r-rampa minflok il-bankina u li l-Kunsill kien lest li jhallas ta' l-ispejjez sabiex isir ix-xoghol fuq il-bankina jekk ir-residenti kollha li juzaw il-garaxx jaqblu li ghandha titbaxxa l-bankina. Pero jekk isir dan ix-xoghol ir-residenti ghandhom jigu infurmati li jekk jidhol l-ilma huma jkunu responsabbli.

**5.6** Diversi lmenti minn resident dwar Triq l-Isqof Gargallo.

Rigward it-talba sabiex jiqsar il-*yellow line* li sar dan l-ahhar, il-Kunsill informa li dan sar twil apposta sabiex vetturi kbar ikunu jistghu johorgu mill-garaxx faccata ta' l-istess *yellow line*.

Rigward l-ilment li xi xufiera ta' *privates* qed jipparkjaw il-vetturi privati taghhom fl-istess triq gie nnotat li skond informazzjoni miksuba minghand il-Pulizija, dawn jistghu jipparkjaw fit-triq sakemm ikollhom licenzja valida.

Rigward it-talba ghal *Double Yellow Line* fi Triq Gargallo kantuniera ma' Triq San Gwann il-Kunsill ihoss li din mhux gustifikata u il-ligi diga awtomatikament tipprojbixxi li jsir ipparkjar ta' vetturi sa certu distanza mill-kantuniera. Din il-kantuniera partikulari ma tiggustifikax li jsiru ukoll id-*double yellow lines*.

Rigward l-ilment li l-bankina quddiem hanut fi Triq Gargallo kantuniera ma Triq San Gwann tkun dejjem okkupata bil-haxix u l-frott il-Kunsill innota li dan l-ilment diga tressaq ghall-attenzjoni tal-Pulizija.

Rigward bankina mkissra minn kuntrattur privat il-Kunsill innota li din qeghda quddiem sit li ghadu qed jinbena. Kif gejna infurmati mill-MEPA, hemm garanzija bankarja li mhux ser tigi rilaxxata qabel ma l-Kunsill Lokali jikkonferma li fost l-ohrajn il-bankina tkun giet irrangata kif suppost.

Ir-resident ghandu jigi infurmat b'dan kollu kif ukoll avzat li jekk irid jista jkompli isegwi mal-Pulizija rigward l-ingombru tal-bankina.

**5.7** Talba sabiex *cover* fuq il-bankina fi Triq San Bartilmew jitranga. Gie deciz li l-Kunsill ghandu jitlob aktar informazzjoni dwar liema *cover* li hemm bzonn jitranga kif ukoll li wara jsiru x-xoghlijiet mehtiega.

**5.8** Talba sabiex ticcaqlaq is-*Sleeping Policeman* li hemm fi Triq San Gwann fid-dahla tar-rahal. Il-Kunsill unanimament ihoss li din it-talba mhux gustifikata.

**5.9** Diversi lmenti minn resident dwar il-parti d-dejqa ta' Triq Indipendenza. Gie unanimament deciz li jsir qtuh ta' haxix u tindif minkejja li l-haxix inqata inqas minn xahar ilu. Rigward it-talba sabiex tinbena t-triq gie innotat li din hi responsabbilta' tal-Gvern Centrali. Rigward it-talba sabiex jinbena l-hajt tas-sejjiet gie innotat li dan qieghed fuq propjeta' privata. Rigward it-talba sabiex titwahhal mera, gie innotat li din hi mahsuba sabiex tghin biss residenti li juzaw garaxx partikulari u ghalhekk mhux ser tkun ghall-uzu generali tal-pubbliku. Ghalhekk din il-mera tista titwahhal mir-residenti. Gie deciz li r-resident ghandu jigi nfurmat b'dan kollu.

**5.10** Talba sabiex jinqata l-haxix fi Triq Ghaxqet l-Ghajn int u diehel minn Triq il-Gnien. Gie deciz li dan ix-xoghol isir mill-haddiem *attached* mal-Kunsill.

**5.11** Talba sabiex il-hinijiet tar-*Reserved Parking Bay* li hemm fil-Pjazza tad-Dejma fi Triq il-Gnien jigu riveduti. Il-Kunsill unanimament ihoss li din it-talba mhux gustifikata.

## 6 Korrispondenza

**6.1** Korrispondenza varja li rcivejna mill-ahhar laqgha sa llum minghand il-MEPA dwar zviluppi fil-lokalita'.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.2** Memo 42/2009 mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2010.

Din il-korrispondenza giet innotata u gie deciz li l-Kunsill jesplora l-possibilita li japplika sabiex issir l-attivita' ta' Ghar San Brinkat f'Dicembru kif ukoll sabiex isir Festival tat-Tewm. Gie unanimament deciz ukoll li ssir laqgha mal-Kapillan dwar il-possibilita' li jsiru attivitajiet flimkien mal-Parrocca.

**6.3** Memo 45/2009 mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar Avviz Legali dwar Skemi ta' Ipparkjar Ikkontrollat.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.4** Korrispondenza minghand il-Perit Janice Zahra dwar *Parking Project* – Triq Ghaxqet l-Ghajn.

Din il-korrispondenza giet innotata u l-Kunsill iddecieda unanimament li ma jimplimentax is-suggerimenti msemmija peress li l-ispejjez involuti ma jiggustifikawx ir-rizultat finali.

**6.5** Korrispondenza minghand il-MEUSAC dwar dettalji ta' Progetti ta' l-Unjoni Ewropeja.

Din il-korrispondenza giet innotata u l-Agent S.E. intalab sabiex jghaddi kopja tal-korrispondenza lill-Vici Sindku u l-Kunsillier P. Fenech sabiex huma jesploraw il-possibilita' li nippartecipaw f'xi wiehed mill-Programmi.

**6.6** Korrispondenza mill-Ufficcju tal-Prim Ministru dwar *Green Challenge Award* u *Local Enterprise Support Scheme*.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.7** Korrispondenza minghand is-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill li bhalissa tinsab fuq sena *Maternity Leave* fejn issa qed tapplika ghal *Career Break* skond il-*Family Friendly Measures Scheme*. L-Agent S.E. informa li s-S.E. kienet ikkonfermat li hi behsieba tiehu *Career Break* ta' 5 snin.

Din il-korrispondenza giet innotata u l-Kunsill approva unanimament din it-talba.

**6.8** Korrispondenza minghand il-Ministeru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni fejn gejna nfurmati li hafna mit-talbiet li l-Kunsill kien ressaq fid-dawl tar-riforma fit-Trasport Pubbliku kienu gew milqugha.

Din il-korrispondenza giet innotata b'sodisfazzjon.

## 7 Materji Ohra u Mistoqsijiet

**7.1** Gie unanimament deciz li tintalab laqgha ma' l-Onor. Segretarju Parlamentari Dr. Jason Azzopardi dwar id-devoluzzjoni tas-*Searchlight Battery* u *Tal-Ferha Estate*. Din il-laqgha ghandha issir wara li tkun saret il-laqgha ma l-Onor Segretarju Parlamentari Dr. Chris Said (Ara 7.2).

**7.2** Gie deciz li ghall-laqgha li l-Kunsill ser ikollu ma' l-Onor. Segretarju Parlamentari Dr. Chris Said fid-29 ta' Lulju tigi diskussa din l-Agenda:

- ❖ Segretarju Ezekuttiv ghall-Kunsill
- ❖ Il-kuntratt il-gdid ta' gbir ta' l-iskart,
- ❖ Il-Kriterji ghal applikazzjonijiet u approvazzjoni ta' fondi specjali.
- ❖ L-attendenza ghall-laqghat relatati max-xoghol tal-Kunsill minn Kunsillieri impjegati mac-Civil waqt il-hinijiet tax-xoghol.
- ❖ Relazzjoni tal-Kunsill ma' Entitajiet Pubblici.

KUNSILL LOKALI GĦARGĦUR

GHARGHUR

Triq San Nikola, Gharghur GHR 1162
Tel : 2141 4111 Fax : 2141 2626 Mobile : 7941 4111
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

- Id-devoluzzjoni tas-*Searchlight Battery* u *Tal-Ferha Estate*.

**7.3** Giet miftehma l-agenda ghall-laqgha mal-WasteServ li ser issir sabiex insegwu l-progress wara l-laqgha li kienet saret fl-ufficcju tal-Kunsill. Fost l-ohrajn ser ninsistu li titwahhal CCTV ghas-sorveljanza kif ukoll li jsir tindif u tbattil tal-*bins* regolarment. Jekk ma jinkisebx titjib ghandna ninfurmaw lill-WasteServ li nikkunsidraw li innehhu l-*Bring-in Site*.

**7.4** Gie deciz li ghandhom jinbdew il-preparamenti ghall-festa ta' San Bartilmew 2009. Fost l-ohrajn ghandhom jigu ippjanati d-diversi servizzi ta' tindif ghall-jiem tal-festa. Rigward hrug ta' permessi ghat-twaqqif ta' gabbani gie unanimament deciz li l-Kunsill johrog biss permessi simili ghal dawk ta' snin imghoddija, minghajr ebda tibdil. Rigward organizzazjoni ta' attivitajiet ohra l-Kunsill ghandu jikkonsulta mal-Kapillan izda talbiet ghall-attivitajiet godda ghandhom jigu ikkunsidrati fil-fond u jigi meqjus l-impatt fuq ir-residenti u t-traffiku. Gie unanimament approvat li tigi rrifjutata talba li possibilment ser issir sabiex isiru tigrijiet taz-zwiemel fi Triq Caravaggio u sabiex isiru BBQ's f'toroq pubblici minn entitajiet privati.

**7.5** Gie pprezentat rapport ta' Seminar dwar il-Wirt Kulturali u l-Att ta' Kurazija li sar dan l-ahhar u li ghalih attendiet l-iskrivana tal-Kunsill is-Sinjorina J. Zarb. Il-Kunsill innota l-kontenut.

**7.6** Gie unanimament deciz li hekk kif jitlesta l-qtuh tal-haxix fi Triq Ghaxqet l-Ghajn isir tisqija tax-xitel u sigar. Sadanittant inkellmu lill-ELC sabiex isaqqu l-post huma wkoll.

**7.7** L-Agent S.E ta dettalji dwar laqgha ta' informazzjoni li hu attenda ma l-ETC dwar l-iskema l-gdida sabiex haddiema li qeghdin jirregistraw ghax-xoghol jibdew jahdmu mal-Kunsill.

***Il-laqgha ntemmet fit-8.30 p.m. Laqgha ohra ssejhet ghat-Tlieta 28 ta' Lulju 2009 fis-6.00pm.***

| | | |
|---|---|---|
| **Mario Gauci** | **Fabian Mizzi** | **28 ta' Lulju 2009** |
| **Sindku** | **Agent Segretarju Ezekuttiv** | **Data** |